Emenda 11
Benedek Jávor
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport **A8-0108/2019**
Claudia Schmidt
Kwittanza 2017: Baġit Ġenerali tal-UE - Il-Parlament Ewropew
2018/2167(DEC)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 133b (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	133b. Jiddeplora l-kollass tan-negozjati interistituzzjonali dwar ir-riforma tar-Reġistru ta' Transparenza tal-UE u jiddispjaċih li l-Parlament qed jiġi akkużat bil-waqfien ħesrem tan-negozjati minħabba r-rifjut tiegħu li jintroduċi l-obbligu fuq ir-rapporteurs, ix-xhadow rapporteurs u l-presidenti tal-kumitati li jippubblikaw informazzjoni dwar il-laqgħat tagħhom mal-lobbisti; jappella għal riforma tar-Regolamenti tal-Persunal sabiex il-persunal ta' grupp politiku jiġi kopert mill-obbligi ta' trasparenza ta' lobbjar; u jtenni t-talba tiegħu lill-bureau tal-Parlament biex iħalli spazju fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew ħalli l-Membri jippubblikaw il-laqgħat skedati tagħhom mal-lobbisti jekk huma jagħżlu li jagħmlu dan;

Or. en

Emenda 12
Benedek Jávor
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport **A8-0108/2019**
Claudia Schmidt
Kwittanza 2017: Baġit Ġenerali tal-UE - Il-Parlament Ewropew
2018/2167(DEC)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 133b (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	133b. Jenfasizza li t-trasparenza u l-libertà tal-informazzjoni huma minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li tistabbilixxi d-dritt ta' aċċess għal dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet Ewropej, u jappella għal rieżami estern tal-livelli ta' trasparenza tal-Parlament, bl-użu ta' indikaturi ewlenin ta' gvern miftuħ, bil-għan li jiżdiedu l-istandards diġà għoljin ta' trasparenza; ifakkar li r-riforma tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 issa ilha meħtieġa; u jistieden lill-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew tippubblika b'mod regolari – f'sors miftuħ, u f'format li jinqara mill-magni – ir-riżultati tal-votazzjonijiet fil-kumitat u fil-plenarja;

Or. en

Emenda 13
Benedek Jávor
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport **A8-0108/2019**
Claudia Schmidt
Kwittanza 2017: Baġit Ġenerali tal-UE - Il-Parlament Ewropew
2018/2167(DEC)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
paragrafu 133d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	133d. Jappella għal riforma tal-Kumitat Konsultattiv ta' Etika tal-Parlament sabiex jingħata s-setgħa li jvara investigazzjonijiet u jivverifika b'mod proattiv id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-Membri; jipproponi li dan ikun kompost minn esperti indipendenti u jitlob valutazzjoni tal-ispejjeż involuti fil-ħolqien ta' uffiċċju indipendenti għall-etika u l-integrità;

Or. en